24 ta' Ġunju, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Michele Scerri *versus* Romeo Fenech Pace et.

**Preskrizzjoni**

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjonijiet qosra ma hix ammissibili jekk id-debitur, b'att tiegħu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibili l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament ta' dawk il-preskrizzjonijiet u l-forma permessa mill-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-eċċezzjoni.*

*Għaldaqstant dik l-eċċezzjoni ma hix ammissibili jekk il-konvenut ikun jikkontesta l-pretiż kreditu ta' l-attur bħala assolutament ineżistenti; imma tkun ammissibili jekk id-debitur ikun jikkontesta d-debitu pretiż mill-attur kontra tiegħu.*

*Anzi, meta l-konvenut ma hux id-debitur oriġinali, imma suċċessur tad-debitur oriġinali, dik l-eċċezzjoni tkun ukoll ammissibili fil-każ li huwa jkun eċċepixxa qabel l-ineżistenza assoluta tal-kreditu pretiż mill-attur.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Rosario Frendo Randon tat-23 ta' Ġunju 1951 huwa rċieva minn għand il-konvenuti s-somma ta' £121. 1. 4, u ddikjara li qed jirċievi dik is-somma in kwantu għal £80 għas-saldu ta' żewġ terzi tal-kapital ta' £120 indikat f'dak l-att, u in kwantu għal £41. 1. 4 għas-saldu ta' żewġ terzi ta' l-imgħax; u illi d-dikjarazzjoni relativa għall-imgħax huwa għamilha bi żball, għax fil-fatt kellu jieħu s-somma ta' £53. 18. 8, u mhux ta' £41. 1. 4, kif iddikjara erroneament fuq il-kuntratt; talab illi, prevja kwa-

lunkwe dikjarazzjoni neċessarja, u jekk hemm bżonn dik li huwa kellu jieħu għali-imgħax £53. 18. 8, u mhux £41. 1. 4, kif iddikjara bi żball fil-kuntratt fuq imsemmi, u wara li jiġi meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenuti jiġu kundannati jħallsuh is-somma ta' £12. 17. 4, bilanċ għas-saldu ta' żewġ terzi ta' l-imgħax fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-kawża deċiża mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta fid-19 ta' April 1952, li baqgħu riżervati għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuti, li ġew inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi l-attur jippretendi illi huwa rċieva dik is-somma ta' interessi bi żball, għaliex bħala interessi huwa kellu jieħu, bħala sehem tal-konvenuti, is-somma ta' £53. 18. 8, u mhux dik ta' £41. 1. 4; jiġifieri għandu jieħu wkoll £12. 17. 4, rappreżentanti, kif jidher, bejn wieħed u ieħor, l-interessi dovuti mill-31 ta' Marzu 1940 sat-30 ta' Settembru 1942, u li ma ġewx kompriżi fil-kalkolu fuq imsemmi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi, minbarra l-eċċezzjoni l-oħra fil-meritu, il-konvenuti ssollevaw ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali, billi allegaw illi huma saru jafu bil-kreditu ta' l-attur għall-interessi fis-sena 1948, u huma ħallsu lill-attur kif ippretenda huwa stess, u għas-soddisfazzjoni tiegħu, £41. 1. 4 bħala sehemhom ta' tmien snin interessi, kompriżi fl-aħħar ħames snin tal-preskrizzjoni. L-attur jissottometti illi din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhix ammissibili, għaliex inkompatibili mas-sistema tad-difiża ġà adottat mill-konvenuti, billi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata mid-debitur wara li dan ikun għamel pagament u rrikonoxxa l-kreditu ta' l-attur;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-ammissibilità jew le tal-preskrizzjoni, jingħad illi din il-preskrizzjoni hekk eċċepita mill-konvenuti hija waħda mill-preskrizzjonijiet qosra. Jinsab assodat fil-ġurisprudenza l-prinċipju fondat fuq l-induzzjoni loġika li, skond is-siste-

ma partikulari tal-kategorija tal-preskrizzjonijiet bħal dawn, għall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibili l-preskrizzjoni jekk id-debitur, b'att tiegħu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fl-istat ta' fatt li jirrendi inkompatibili l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa millliġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni;

F'każ simili, skond il-ġurisprudenza l-aktar prevalenti, ma tkunx ammissibili l-preskrizzjoni, jekk il-konvenut ikun jikkontesta l-pretiż kreditu ta' l-attur bħala assolutament ineżistenti; għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibili ma' dik ta' l-ineżistenza assoluta tal-kreditu (Vol. XXVI—II—151; XXX—I—964); imma tkun ammissibili l-preskrizzjoni jekk id-debitur ikun jikkontesta d-debitu pretiż mill-attur minn għandu (Vol. XXVIII—I—240; XXX—I—976);

Fil-każ taħt eżami l-konvenuti mhumiex qegħdin jikkontestaw il-kreditu bħala assolutament ineżistenti, imma huma qegħdin biss jikkontestaw dak il-pretiż kreditu bħala mhux dovut minnhom. Anzi, billi l-konvenuti f'din il-kawża ma humiex id-debituri oriġinarji, imma suċċessuri tad-debitriċi, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet tkun ukoll ammissibili fil-każ li huma eċċepew qabel l-ineżistenza assoluta tal-kreditu pretiż mill-attur; u dana għar-raġunijiet żvolti fis-sentenza ta' dina l-Qorti fil-kawża "Saccone vs. Mazzone", deċiża fis-7 ta' Gunju 1927 (Vol. XXVI—II—449);

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, sollevata millkonvenuti, hija ammissibili; għaliex is-sistema tad-difiża adottat minnhom qabel ma huma ssollevaw din l-eċċezzjoni kien biss li huma ħallsu d-debitu, u ma għandhomx jagħtu xejn lill-attur;

Illi, kif jallegaw il-konvenuti, huma saru jafu bil-kreditu pretiż mill-attur għall-interessi mis-sena 1948, jiġifieri millittra tal-20 ta' Awissu 1948 li l-attur bagħat lill-konvenuta Fenech Pace (fol. 32); anzi dik l-ittra lanqas ma ġiet mibgħuta, almenu kif jidher, lill-konvenuta Sammut. Għalhekk iżżmien tal-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuti għandu jkun bejn Awissu 1943 u Awissu 1948, u jolqot kull ammont dovut

qabel Awissu 1943. Kif intqal aktar il-fuq, l-ammont ta' £12. 17. 4, li l-attur jippretendi li ma ġiex kunsidrat fil-kalkolu ta' l-interessi dak in-nhar tal-kuntratt, jirrappreżenta interessi pretiżi mill-attur u dovuti lilu bejn il-31 ta' Marzu 1940 u t-30 ta' Settembru 1942, għaliex l-interessi ġew kalkulati fil-kuntratt bħala mħallsin sas-sena 1942. U għalhekk, kwantu għaż-żmien, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuti hija ġustifikata; għaliex il-konvenuti jirriżulta li ħallsu għal dawk l-interessi mis-sena 1943 'il quddiem;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali, sollevata mill-konvenuti, u hekk tillibera lil dawn mid-domanda ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, jekk l-istess konvenuti, fi żmien tmint ijiem mil-lum, jipprestaw f'idejn ir-Reġistratur ta' dina l-Qorti l-ġurament li bih jiddikjaraw u jikkonfermaw illi ma jafux jekk il-kreditu pretiż mill-attur u dedott fiċ-ċitazzjoni huwiex dovut lilu.

---